MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 441/2004

**Intertax Services Limited**

**Vs**

**Page One Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm784.00c (seba' mija w erbgha u tmenin lira Maltin) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal servizzi professjonali rezi lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-istess socjeta'.

Minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba, komprizi dawk ta' l-ittri bonarji datati 18 ta' Novembru 2003 u 13 ta' Jannar 2004, u bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata llum seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------